

Digriet tal-Viċi President tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' April 2017 – Post Telecom vs BEI**(Kawża T-158/17 R)**

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offeriti — Provvista ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni permezz ta’ netwerk metropolitan għall-bini u għall-uffiċċji tal-Grupp tal-BEI fil-Lussemburgu — Ċaħda tal-offerta ta’ offerent u għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”)

(2017/C 195/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Post Telecom SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: M. Thewes, C. Saettel u T. Chevrier, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) (rappreżentanti: T. Gilliams, P. Kiiver u C. Solazzo, aġenti, assistiti minn M. Belmessieri u B. Schutyser, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-BEI tas-6 ta' Jannar 2017 li tiċħad l-offerta ppreżentata mir-rikorrenti għal-Lott Nru 1 tas-sejħa għal offeriti OP-1305, intitolata “Servizzi ta’ komunikazzjoni permezz ta’ netwerk metropolitan u netwerk estiż għall-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment”, u tad-deċiżjoni li dan il-lott jingħata lil offerent ieħor.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) Id-digriet tal-15 ta' Marzu 2017, mogħti fil-Kawża T-158/17 R, huwa rrevokat.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2017 – Claro Sol Cleaning vs EUIPO – Solemo (Claro Sol Facility Services desde 1972)**(Kawża T-159/17)**

(2017/C 195/43)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Claro Sol Cleaning, SLU (Madrid, Spanja) (rappreżentant: N. Fernández Fernández-Pacheco, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Solemo Oy (Helsinki, il-Finlandja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni “Claro Sol Facility Services desde 1972” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 318 993